MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2012

Appell Civili - Ghawdex Numru. 13/2011/1

**Lawrence Axiak**

**vs**

**Joseph Axiak**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat li fit-30 ta' April 2012 it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar ippronunzat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

*It-Tribunal*

*Ra l-avviz tat-talba prezentat minn Lawrence Axiak fl-ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) li permezz tieghu talab li l-konvenut ikun ikkundannat ihallas*

*lil attur l-ammont ta' erba' mija u tmienja u tletin ewro u sitta u erbghin centezmu (€438.46) rapprezentanti quantu ghas-somma ta' mitejn u tmienja u disghin ewro u tnejn u disghin centezmu (€298.92) spejjez minfuqa minn l-attur ghall-andament u l-ahjar istruzzjoni tal-kawza fl-ismijiet Lawrence Axiak vs Joseph Axiak (Citaz Nru 12/2009 AE) deciza fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgha (2009) kif debitament notifikati l-istess spejjez kif kkonfermati bl-ircevuti annessi ma' l-ittra ufficjali tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Jannar ta' l-elfejn u hdax (2011) (Ittra Nru 59/2011). Kif ukoll is-somma ta' tmienja u erbghin ewro u disghin centezmu (€48.90) spejjez u drittijiet ta' l-istess ittra ufficjali Nru. 59/2011; kif ukoll l-ammont ta' tmienja u erbghin ewro u disghin centezmu (€48.90) spejjez tad-drittijiet ta' l-ittra ufficjali tas-sittax (16) ta' Frar tas-sena elfejn u disgha (2009) (Ittra Nru 141/2009) kif ukoll l-ammont ta' wiehed u erbghin ewro u tnejn u disghin centezmu (€41.92)spejjez u drittijiet ta' l-ittra ufficjali tas-sitta (6) ta' Jannar ta' l-elfejn u hdax (2011) (Ittra Nru 8/2011) li in forza taghha l-ittra ufficjali tas-sbatax (17) ta' Jannar ta' l-elfejn u disgha (2009), ittra Nru. 141/2009 giet reza ezekuttiva u dan skont tlett taxxi ufficjali; bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni skont il-ligi, bl-imghaxijiet skont il-ligi.*

*Ra r-risposta prezentata minn Joseph Axiak fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hdax (2011) li permezz taghha ecepixxa li t-talba attrici hija totalment u kompletament infondata fid-dritt u fil-fatt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur u dan kif kellu jigi dettaljatament pruvat fit-trattazzjoni ta' din il-kawza.*

*Ra d-digrieti tieghu cioe' dak tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) li permezz tieghu ordna l-allegazzjoni ta' l-ittra ufficjali 59/2011 tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Jannar ta' l-elfejn u hdax (2011) u d-dokumenti li hemm maghha kif ukoll dak tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Frar tas-sena elfejn u tnax (2012) li permezz tieghu t-Tribunal ordna l-allegazzjoni tal-process fl-ismijiet Lawrence Axiak vs Joseph Axiak – rikors guramentat Nru.12/2009 deciz fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Mejju ta' l-elfejn u disgha (2009).*

*Ra l-atti kollha tal-kawza inkluzi d-dokumenti esebiti.*

*Ra l-atti kollha ta' l-ittra ufficjali u r-rikors guramentat annessi ma' dan il-process.*

*Sema' x-xhieda mressqa quddiemu.*

*Ra d-digriet tieghu tat-tlieta (3) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012) li permezz tieghu din il-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;*

*Ikkunsidra.*

*Illi din il-kawza twieldet wara kawza ohra li kien ghamel l-istess attur Lawrence Axiak biex jigi immess fil-pussess ta' legat imholli lilu. L-attur f'din il-kawza qieghed jitlob rifuzjoni ta' l-ispejjez li ghamel minhabba l-inadempjenza tal-konvenut Joseph Axiak sabiex jersaq ghal immissjoni fil-pussess ta' dan il-legat. Dawn id-danni jikkonsistu principalment kemm fi spejjez sabiex sar il-kuntratt ta' immissjoni fil-pussess, kemm fi spejjez illi Lawrence Axiak kellu bzonn jaghmel sabiex imexxi l-kawza tieghu kif ukoll spejjez ohra ta' ittri ufficjali illi Lawrence Axiak hass illi kellu jibghat lil Joseph Axiak.*

*Is-sentenza Joseph Axiak vs Lawrence Axiak (12/2009) tat ragun lil attur. Dik il-kawza giet deciza fi zmien qasir u ordnat lill-konvenut sabiex jaddevjeni ghall-kuntratt ta' l-immissjoni fil-pussess.*

*Illi l-Artikolu 733 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid illi l-ispejjez sabiex jigi mghoddi u mhallas legat ghandhom ikunu a' karigu ta' l-eredita u mhux tal-legatarju.*

*Illi meta l-Artikolu 733 Kap 16 jiddisponi illi meta l-ispejjez necessarji ghall-hlas ta' legat huma a' karigu ta' l-eredita, ma ghamilx haga ohra hlief irrepeta l-principju generali f'materja ta' pagamenti illi l-ispejjez tal-pagament huma a' karigu tad-debitur.*

*Jghid il-Borsari (commentario del codice civile Italiano, Vol. iii, Prt.i, Pg.680) "L'articolo 877 (identiku ghal-artikolu 733 fuq imsemmi) puo dirsi l'applicazione del principio che*

*ogni spesa che si attacca al pagamento del debito aggrava il debitore" u izjed l-isfel f'pagna 681 Ittra E; "Il diretto intendimento del articolo 877 egli e che il legatario debba avere il legato senza spesa, come senza spesa Il creditore a diritto di ricavare il pagamento". Similment il-Laurent (Principi, Vol. 14N118); quanto I successor tenuti, in virtu della legge o della volonta del testatore, a pagare il legati, hanno accettato la successione ab intestato o testamentaria che li obbliga, contraggono con cio la obbligazzione di sodisfare I legati. In questo sens i legato divengono un debito ……. segue da cioe che bisogna applicare ai pagamenti dei legati I principi che regolano il pagamento dei debiti.*

*Illi ghalhekk ir-raguni li l-ligi tiddetta dak il-principju huwa appuntu illi generalment hija l-eredita li tkun gravata fil-pagament tal-legati li huwa ghalhekk debitu ta' l-eredita.*

*Insibu fil-Baudry Lacantinerie (Vol.Xi, Pg.268). La legge pone le spese della domanda di rilascio a carico del eredita, giacche questa e la debitrice del legato e le spese del pagamento sono a carico del debitore. Tale almeno e la regola formulata dall articolo 1248 del Codice Civili. Dan jghidu wkoll l-Armeri (Istituzione di Diritto Civile Vol.4, Pg.300N 158); ogni uno che accetta la successione contrae l'obbligo di rilasciare i legati, le spese dunque per lo relascio sono a di lui carico, poi que egli e l'inadempiente.*

*U aktar kjarament Il-Magliano (Commentari alle Leggi Civili Vol.III, Pg.703); Cio che questo articolo prescrive intono alle spese della domanda del legato particolare potrebbe dirsi essere una consegwenza del obbligo di prestare il legato, che l'erede ha contratto coll'accettare la successione.*

*F'dan il-kaz quddiem it-Tribunal l-inadempjenti huwa l-konvenut. Inadempjenza illi tidher aktar gravata meta l-eredi l-ohra kienu disposti u taw il-kunsens taghhom sabiex l-attur jigi immess fil-pussess tal-legat lilu imholli.*

*It-Tribunal jifhem illi fil-procedura illi kellu jinkorri l-attur, kellu jidhol fi spejjez illi mhux bilfors huma koperti mit-taxxa tad-drittijiet u spejjez relattiva ghal kawza.*

*It-Tribunal ra illi l-artikolu 733 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jsemmi spejjez "necessarji ". Dan ghalhekk qieghed jeskludi spejjez li jkunu inutli jew a dirittura kapriccuzi.*

*It-Tribunal ra l-elenku ta' l-ispejjez f'din il-kawza kif ukoll l-ircevuti esebiti. Dawn ser jigu kkunsidrati f'din is-sentenza fit-totalita taghhom. It-Tribunal ihoss ilil ghandu jikkummenta fuq l-ircevuta ta' l-ispejjez inkorsi sabiex ingabret kopja ta' att minghand in-nutar Enzo Refalo. In-nutar Enzo Refalo deher quddiem it-Tribunal u kkonferma l-ircevuta minnu mahruga.*

*It-Tribunal iqis illi d-dritt illi gie mitlub ihallas l-attur sabiex jinghata zewg kopji ta' l-istess att huwa wiehed eccessiv u jaqbez bil-bosta t-tariffa stabbilita. L-ammont mitlub minn naha tan-nutar jidher illi huwa eccessiv izda minn naha l-ohra dan huwa prezz illi hallas l-attur li kellu bzonn dan il-kuntratt sabiex jaghmel prova fil-kawza tieghu. Ghaldaqstant it-Tribunal xorta jemmen illi l-ammont li hallas l-attur hu x'inhu ghandu jaghmel tajjeb ghalih il-konvenut. Jibqa imbghad riservat a' favur tal-konvenut bhala surrogat fid-drittijiet ta' l-attur id-dritt illi jitlob rizarciment ta' dak illi gie imhallas oltre it-tariffa.*

*Izda t-Tribunal jinnota wkoll illi hemm xi danni li ghalkemm ma jistax isejhilhom kapriccuzi, jistghu jissejhu sa certa punt inutli. Hekk per ezempju ma kienx hemm bzonn illi tintalab it-tieni kopja vera tat-tmintax (18) ta' Dicembru tas-sena elf disgha mija u tmienja u sittin (1968) minghand in-nutar Refalo li tant giet tiswa flus. Fotokopja ta' din biex tigi notifikata lill-konvenut f'dik il-kawza kienet tkun soluzzjoni prattika u idonea.*

*In oltre it-Tribunal ma jarax ghalfejn kellhom isiru pjanti godda u kwalunkwe spjegazzjoni dwar xi espropriazzjoni setghet inghatat mill-perit viva voce mill-Qorti.*

*Finalment certa spejjez ohra riedu anke jigu nkorsi fir-rigward ta’ l-att ta’ immissjoni fil-pussess illi l-attur kien ghamel ma’ hutu l-ohra.*

*Illi ghalhekk dan it-Tribunal jidhirlu li hemm lok illi d-danni reklamati mill-attur jigu mnaqqsa u ma jigux akkolti fl-ammont mitlub minn l-istess attur.*

*Illi dwar l-ittri ufficjali esebiti u li taghhom l-attur qed jitlob il-hlas, it-Tribunal jidhirlu illi l-ispedizzjoni ta’ dawn l-ittri ufficjali kienet wahda gustifikata. Madankollu ma kienx hemm in-necessita assoluta sabiex l-attur jipprocjedi quddiem dan it-Tribunal sabiex jirrendi dawn l-ittri ezekuttivi. Izda peress li t-Tribunal huwa tal-fehma illi ghal dawk l-ittri ufficjali kellu jaghmel minn dejjem tajjeb il-konvenut huwa se jakkolji t-talba ta’ l-attur f’dan ir-rigward f’dan illi jiehu dan il-fatt li ma kienx mija fil-mija necessarju illi ssir din il-procedura quddiem dan it-Tribunal fir-rigward ta’ l-ittra ufficjal, fil-kap ta’ l-ispejjez.*

*Ghaldaqstant fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula, dan it-Tribunal jidhirlu illi l-ammont reklamat mill-attur ghandu jigi arbitrio boni viri ridott ghal tlett mija u hamsin ewro (€350).*

*Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa in parti t-talbiet ta’ l-attur, jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta’ tlett mija u hamsin ewro (€350) bl-imghax mid-data tal-prezentata ta’ dan l-avviz il-quddiem. L-ispejjez ta’ din il-kawza fic-cirkostanzi ghandhom jigu sopportati billi l-konvenut ibati l-ispejjez kollha tieghu filwaqt illi l-ispejjez ta’ l-attur jithallsu nofs mill-konvenut u n-nofs l-iehor jitbatew minn l-attur innifsu.*

Rat ir-rikors tal-appell ta’ l-appellant Joseph Axiak datat 15 ta’ Mejju 2012 fejn talab lill-Onorabbli Qorti sabiex tirriforma s-sentenza moghtija mit-Tribunal ghal Tabliet iz-Zghar billi thassar ghal kollox id-decizjoni moghtija mill-istess Tribunal u minflok tiddikjara u tiddeciedi illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi fl-

ewwel lok l-esponenti ma inghatax smiegh xieraq fil-kawza u fit-tieni lok tali spejjez kienu inutli, ezagerati u ma kienux konnessi mal-kawza 12/2009(AE) fl-ismijiet hawn fuq premessi.

Rat ir-risposta tal-appellat Lawrence Axiak, datat 8 ta' Gunju 2012, fejn intalab li din il-Qorti tichad l-appell ta' Joseph Axiak u tikkonferma s-sentenza tat-30 ta' April 2012 bl-ispejjez kontra l-istess Joseph Axiak.

Rat li dan l-appell gie appuntat ghas-smigh ghat-2 ta' Lulju 2012 fejn deher Dr. Edward Debono ghall-appellant u Dr. Deborah Mercieca ghall-appellat. L-avukati tal-partijiet ittrattaw l-appell u gie differit ghad-decizjoni finali ghat-28 ta' Novembru 2012.

Rat l-atti kollha relattivi.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi l-aggravji huma fis-sens li (a) tali allegati spejjez kellhom jigu soportati mill-appellat; (b) li l-gudikant ma setghax jisma' l-kaz ghaliex kien jippatrocinja lill-attur jew qraba tieghu f'kawza ohra.

Dwar l-ewwel punt tal-ispejjez, dawn huma diversi u din il-Qorti thoss li ghal dawk li huma spejjez ghar-riceriki sabiex isir il-kuntratt ta' immissjoni ta' pussess, dawn ma humiex spejjez necessarji sabiex issir l-immissjoni fil-pussess, u iktar u iktar ma humiex necessarji ghall-istess kawza dwar l-immissjoni tal-pussess. Dawn kien ghal utilita' tal-appellat sabiex issir l-istess kuntratt izda mhux necessarji sabiex issir il-kuntratt ut sic. Mela allura l-ispejjez dwar ricerki testamentarji, fotokopji, pjanta u certifikat tal-mewt ma ghandhomx jigu sopportati mil-appellant u ghalhekk dwar dan il-punt l-aggravju qed jigi milqugh.

Il-kwistjoni li l-appellant ma kienx iffirma l-kuntratt ghall-immissjoni tal-pussess u dan kien li wassal lill-appellat sabiex jaghmel il-kawza li eventwalment rebah bid-decizjoni fl-ismijiet **"Lawrence Axiak vs Joseph Axiak"**

(Q.GH. (AE) – 26 ta' Mejju 2009) ma tbiddel xejn mis-sitwazzjoni, ghaliex hemm il-kawza intrebhet bl-ispejjez, u l-ispejjez necessarji allura sabiex issir l-istess kuntratt u l-istess decizjoni huma koperti f'dik is-sentenza. L-ispejjez li l-appellat jghid li ghamel oltre iservu ghalih u huma ta' beneficcju tieghu u ghalhekk ma ghandhomx jithallsu mill-appellant.

L-istess jinghad dwar ir-raguni ghaliex l-appellat kellhu jiftah dik il-kawza; hija x'inhi dik kienet il-mertu ta' gudizzju moghti fis-sentenza citata bejn il-partijiet u mhux mertu ta' din il-kawza.

L-appellat isemmi l-prassi li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell mhux normalment tiddisturba d-diskrezzjoni u l-apprezzament ta' provi ta' l-Ewwel Qorti u hekk huwa l-kaz (**"Joseph Grech Sant nomine vs L-Av. Dr. Riccardo Farrugia et nomine"** (A.C. – 28 ta' Frar 1997); **"Philip Galea vs Gertrude Galea"** (A.C. – 25 ta' Marzu 2011). Izda din il-Qorti mhux prekluza li taghmel dan, specjalment f'kaz meta hemm zbal manifest, u f'dan il-kaz din il-Qorti qed isostni li hekk huwa l-kaz ghaliex il-pronunzjament li sar fid-decizjoni appellata li tali spejjez ghall-istruzzjoni ta' kawza ta' parti, oltre dawk li huma spejjez gudizzjarji, ghandhom jigu sopportati wkoll mill-parti telliefa, huwa kuncett fl-opinjoni ta' din il-Qorti zbaljat u allura *non sequitur.*

Illi dwar l-ispejjez sabiex isir il-kuntratt ta' imissjoni ta' pussess (li huma differenti minn dawk rikjamati f'din il-kawza) dawn huma koperti bis-sentenza ta' bejn il-partijiet u f'dan il-kuntest l-**artikolu 733 tal-Kap. 16** huwa sodisfatt.

Peress li qed jintlaqa' l-ewwel aggravju hawn indikat, din il-Qorti ma ghandhiex bzonn tidhol fit-tieni aggravju.

B'hekk l-appell qed jigi milqugh.

## <u>III. KONKLUZJONI</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad r-risposta ta' l-appell datat 8 ta' Gunju 2012, **tilqa' l-appell interpost mill-appellant Joseph Axiaq fir-rikors tal-appell tieghu datat 15 ta' Mejju 2012 in kwantu konsistenti ma' dak hawn deciz, b'dan li din il-Qorti qed tirrevoka ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar datata 30 ta' April 2012 fl-ismijiet "Lawrence Axiak vs Joseph Axiak" (Avviz Numru 13/2011), b'dan allura li filwaqt li tilqa' r-risposta ta' Joseph Axiak quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar datata 21 ta' Ottubru 2011, tichad it-talba ta' Lawrence Axiak fl-Avviz tat-Talba datat 20 ta' Gunju 2011 ghaliex hija nfondata fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz.**

**Bl-ispejjez kontra l-appellat Lawrence Axiak.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------